



---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2023/0124(COD)**

24.1.2024

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar detergents u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 (COM(2023)0217 – C9-0154/2023 – 2023/0124(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria da Graça Carvalho

PA\_Legam

## NOTA SPJEGATTIVA

### Introduzzjoni

Id-deterġenti huma parti mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Minħabba d-dgħufijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tar-Regolament dwar id-Deterġenti, u l-fatt li qafas regolatorju koerenti u stabbli huwa essenzjali biex jitħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-Rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004.

Ir-rapporteur, fid-dawl tal-kompetenzi kondiviżi u esklużivi tal-Kumitat IMCO, ressqet emendi li jiffokaw primarjament fuq tliet oqsma differenti: il-Markatura CE, il-Passaport Diġitali tal-Prodotti u t-Tikkettar Diġitali.

Ir-rapporteur abbozzat din l-Opinjoni b'kunsiderazzjoni ta' ħames prinċipji gwida ewlenin: **il-protezzjoni tal-konsumatur, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv/burokrazija, is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti, it-trasparenza u t-trawwim tal-innovazzjoni.**

### 1) Il-Markatura CE

Il-markatura CE hija għodda mfassla biex turi l-konformità mar-regoli applikabbli. Skont dawn ir-regoli, l-evalwazzjonijiet tal-konformità u d-dikjarazzjonijiet ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-UE huma responsabbiltajiet tal-manifatturi, mingħajr eżami minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, il-passaport diġitali tal-prodotti se jkun l-għodda li biha l-manifatturi juru konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, ir-rapporteur temmen li l-markatura CE ma żżidx il-valur lill-prodott u ma tħarisx lill-konsumaturi, u minflok twassal għal aktar burokrazija, iżżid il-piż amministrattiv u tidduplika l-proċeduri ta' konformità. Konsekwentement, ir-rapporteur ipproponiet li tħassarha.

### 2) Il-Passaport Diġitali tal-Prodotti

L-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li toħloq Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) għal kull lott. Madankollu, sabiex tiġi żgurata aktar effiċjenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv, ir-rapporteur tipproponi minflok li d-DPP għandu jkun speċifiku għal kull mudell ta' prodott. Madankollu, ir-rapporteur tipproponi wkoll il-possibbiltà ta' passaport tal-prodotti ġdid għal lott partikolari, jiġifieri jekk il-formulazzjoni jew il-kompożizzjoni tal-prodott tkun inbidlet.

Ir-rapporteur tipproponi wkoll li d-DPP għandu jikkoeżisti b'mod armonjuż, permezz ta' sinerġiji, ma' passaporti oħra tal-prodotti previsti f'leġislazzjoni oħra, billi jkollu passaport diġitali uniku tal-prodotti li jgħaqqad l-elementi differenti meħtieġa mid-diversi biċċiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

### 3) It-Tikkettar Diġitali

Sabiex jiġu protetti l-konsumaturi, ir-rapporteur tipproponi sistema ta' tikkettar ibrida, li tinkludi tikketta fiżika u tikketta diġitali sabiex tiżdied il-leġġibbiltà u tiġi żgurata s-simplifikazzjoni tat-tikketta. It-tikketta fiżika għandha tinkludi informazzjoni dwar id-dożaġġ, informazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza u informazzjoni dwar il-manifattur, b'mod aktar sempliċi u leġġibbli, filwaqt li t-tikketta diġitali għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha. Minflok ma jkollna tikketti ffullati żżejjed li jkunu diffiċli biex jinqraw, ir-rapporteur timmira għal fehim aħjar, leġġibbiltà u aċċessibbiltà akbar, u effettività mtejbja tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-użu fir-rigward tal-utenti finali.

Ir-rapporteur tifhem li kemm it-tikketta diġitali kif ukoll il-passaport diġitali tal-prodotti

għandhom jiġu aċċessati permezz tal-istess mezz ta' data.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 14

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tiġi prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.

###### *Emenda*

(14) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu miżuri xierqa **u effettivi** biex jiżguraw li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tiġi prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 17

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi f' isimhom. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tar-responsabbiltajiet bejn il-manifattur u r-rappreżentant awtorizzat, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-lista tal-kompiti li l-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jafdaw lir-rappreżentant awtorizzat. Barra dan, biex jiġu żgurati l-infurzabbiltà u l-

###### *Emenda*

(17) Biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi f' isimhom. **Tali ħatra jenħtieġ li tkun valida biss meta tiġi aċċettata bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat.** Barra minn hekk, biex tiġi żgurata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tar-responsabbiltajiet bejn il-manifattur u r-rappreżentant awtorizzat, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-lista tal-kompiti li l-manifatturi

effettività tar-reqwiziti ta' sorveljanza tas-suq u li deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi biss jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li tkun obbligatorja meta l-manifattur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.

jenħtieġ li jkunu jistgħu jafdaw lir-rappreżentant awtorizzat. Barra dan, biex jiġu żgurati l-infurzabbiltà u l-effettività tar-reqwiziti ta' sorveljanza tas-suq u li deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi biss jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li tkun obbligatorja meta l-manifattur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern u biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, jeħtieġ li jiġi stabbilit li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw ukoll ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurat li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għall-importaturi biex jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw ma' dawk ir-reqwiziti u li d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi **u, fejn ikun rilevanti, il-markatura CE jkunu** disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkun disponibbli passaport tal-prodotti għal dawk il-prodotti.

##### *Emenda*

(19) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern u biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, jeħtieġ li jiġi stabbilit li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw ukoll ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurat li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għall-importaturi biex jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw ma' dawk ir-reqwiziti u li d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi **tkun** disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkun disponibbli passaport tal-prodotti għal dawk il-prodotti.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Peress li l-importaturi għandhom rwol ewlieni biex jiggarantixxu l-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi importati fis-suq tal-Unjoni, meta jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-importaturi jenħtieġ li jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali ***tagħhom u, jekk ikunu disponibbli, il-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni li permezz tagħhom jistgħu jiġu kkuntattjati.***

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Peress li d-distributori u l-importaturi huma qrib is-suq u għandhom rwol importanti biex jiżguraw il-konformità tal-prodott, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenħtieġ li jkunu lesti li jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa lil dawk l-awtoritajiet fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat.

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24**

*Emenda*

(20) Peress li l-importaturi għandhom rwol ewlieni biex jiggarantixxu l-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi importati fis-suq tal-Unjoni, meta jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-importaturi jenħtieġ li jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u ***l-indirizz tal-posta elettronika*** tagħhom.

*Emenda*

(22) Peress li d-distributori u l-importaturi huma qrib is-suq u għandhom rwol importanti biex jiżguraw il-konformità tal-prodott, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenħtieġ li jkunu lesti li jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa lil dawk l-awtoritajiet fir-rigward ***tal-konformità*** tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat, ***soġġett għal talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti li tkun ċara u speċifikament relatata ma' deterġent li distributtur ikun qiegħed fis-suq.***

(24) *Il-markatura CE, li tindika l-konformità ta' deterġent ma' dan ir-Regolament, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup> jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-markatura CE. Jenħtieġ li dak ir-Regolament ikun applikabbli għad-deterġenti koperti minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni ta' interessi pubbliċi bħalma huma s-saħħa u l-ambjent. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, il-markatura CE jenħtieġ li tkun l-unika markatura ta' konformità li tindika li d-deterġent huwa konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.*

*imħassar*

---

<sup>36</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 26

(26) It-tikketti jikkomunikaw informazzjoni importanti dwar l-użu u s-sikurezza lill-utenti, bħall-preżenza ta' sensitizzaturi tal-ġilda jew respiratorji (eż. fwejjaħ allerġeniċi, preservattivi jew enzimi) fid-deterġenti u fl-aġenti

(26) It-tikketti jikkomunikaw informazzjoni importanti dwar l-użu, **is-saħħa** u s-sikurezza lill-utenti, bħall-preżenza ta' sensitizzaturi tal-ġilda jew respiratorji (eż. fwejjaħ allerġeniċi, preservattivi jew enzimi) fid-deterġenti u



tensjoattivi. Billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk is-sustanzi fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, huwa possibbli għall-utenti b'allerġiji jew bi predispożizzjonijiet allerġiċi li jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk jitnaqqsu r-reazzjonijiet potenzjali relatati mal-użu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' tikkettar għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi.

fl-aġenti tensjoattivi. Billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk is-sustanzi fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, huwa possibbli għall-utenti b'allerġiji jew bi predispożizzjonijiet allerġiċi li jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk jitnaqqsu r-reazzjonijiet potenzjali relatati mal-użu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' tikkettar għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) L-informazzjoni dwar l-ammont korrett ta' deterġent li l-konsumaturi jeħtieġ jużaw meta jwettqu attivitajiet ta' tindif, jiġifieri, l-informazzjoni dwar id-dożaġġ, jenħtieġ li tiġi inkluża fuq it-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur sabiex jiġi evitat l-użu żejjed **potenzjali** tad-deterġenti u b'hekk jitnaqqas l-ammont totali ta' deterġent u ta' aġent tensjoattiv li jidħol fl-ambjent.

#### *Emenda*

(30) L-informazzjoni dwar l-ammont korrett ta' deterġent li l-konsumaturi jeħtieġ jużaw meta jwettqu attivitajiet ta' tindif, jiġifieri, l-informazzjoni dwar id-dożaġġ, jenħtieġ li tiġi inkluża fuq it-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur sabiex jiġi evitat l-użu żejjed tad-deterġenti u b'hekk jitnaqqas l-ammont totali ta' deterġent u ta' aġent tensjoattiv li jidħol fl-ambjent.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(30a) Biex jiġi żgurat li l-lingwa użata fuq l-imballaġġ tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-istess rekwiżiti kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-**

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita tikketti fiżiċi ffullati żżejjed kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jibbażaw fuq diversi għażliet ta' qari disponibbli biss għal formati diġitali, bħal tipa akbar, tiftix awtomatiku, loud speakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Il-forniment ta' tikketti diġitali jista' jwassal ukoll għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-obbligi ta' tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar, inaqas il-kostijiet tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata lill-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu ċerta informazzjoni tat-tikkettar **biss** permezz tat-tikketta diġitali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-utenti tad-deterġenti.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 31a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(31) It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita tikketti fiżiċi ffullati żżejjed kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jibbażaw fuq diversi għażliet ta' qari disponibbli biss għal formati diġitali, bħal tipa akbar, tiftix awtomatiku, loud speakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Il-forniment ta' tikketti diġitali jista' jwassal ukoll għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-obbligi ta' tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, **speċjalment mill-SMEs**, billi **joħloq qafas aktar sempliċi**, jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar, inaqas il-kostijiet tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata lill-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu ċerta informazzjoni tat-tikkettar permezz tat-tikketta diġitali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-utenti tad-deterġenti, **filwaqt li jiżgura li l-elementi li jiżguraw is-saħħa u is-sigurtà jibqgħu fit-tabella fiżika.**

*vulnerabbli u b'indeboliment tal-vista.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 32

*Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Biex jiġi evitat li jiġi impost piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi *u peress li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, it-tikketta diġitali hija biss komplementari għal dik fiżika, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jużawx tikketti diġitali jew jipprovdux l-informazzjoni kollha fuq tikketta fiżika biss. L-għażla li tiġi pprovduta tikketta diġitali jenħtieġ li tkun f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jipprovdu s-sett preċiż ta' informazzjoni tat-tikkettar.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) It-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni mingħajr ħiliet diġitali jew b'ħiliet diġitali insuffiċjenti u jwassal għal żieda fid-distakk diġitali. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta *biss f'tikketta* diġitali jenħtieġ li tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tad-deterġenti. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, kif ukoll l-istruzzjonijiet minimi dwar l-użu tad-deterġenti, jenħtieġ li jibqgħu fuq it-tikketta fiżika, biex l-utenti finali kollha

*Emenda*

(32) Biex jiġi evitat li jiġi impost piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, *b'mod speċjali għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tat-tikkettar skont dan ir-Regolament tkun ta' benefiċċju għall-industrija u għall-utenti finali.*

*Emenda*

(33) It-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni mingħajr ħiliet diġitali jew b'ħiliet diġitali insuffiċjenti u jwassal għal żieda fid-distakk diġitali. *Jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-livelli differenti ta' diġitalizzazzjoni fl-Istati Membri.* Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta *fuq tikketta* diġitali jenħtieġ li tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tad-deterġenti. *Jenħtieġ li t-tikketti diġitali dejjem ikollhom għażla addizzjonali waħda għall-utenti finali li ma jkollhomx biżżejjed ħiliet diġitali, bħal assistent tal-*

jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru d-deterġent u biex jiġi żgurat l-immaniġġar sikur tiegħu.

**vuċi tal-IA li jaqra t-tikketta.** Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, **inkluż dwar l-eżistenza ta' allerġeni**, kif ukoll l-istruzzjonijiet minimi dwar l-użu tad-deterġenti, jenħtieġ li jibqgħu fuq it-tikketta fiżika, biex l-utenti finali kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru d-deterġent u biex jiġi żgurat l-immaniġġar sikur tiegħu.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 34

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(34) **Madankollu, jenħtieġ li ssir eċċezzjoni għad-deterġenti mibjugħa lill-utenti finali f'format ta' rikarika.** Sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ mhux biss il-benefiċċji offruti mid-diġitalizzazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ambjentali kbar f'termini ta' tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart relatat mill-imballaġġ li toffri l-prattika tal-bejgħ tar-rikariki, jenħtieġ li **jkun permess li l-informazzjoni kollha** tat-tikkettar **tiġi pprovduta b'mod diġitali bl-eċċezzjoni tal-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur.**

#### *Emenda*

(34) Sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ mhux biss il-benefiċċji offruti mid-diġitalizzazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ambjentali kbar f'termini ta' tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart relatat mill-imballaġġ li toffri l-prattika tal-bejgħ tar-rikariki, **il-manifatturi** jenħtieġ li **jkunu responsabbli għall-forniment ta' fuljett jew stiker bl-informazzjoni** tat-tikkettar **filwaqt li l-bejgiegħ bl-imnut jenħtieġ li jkun responsabbli għat-tqassim ta' dan il-fuljett lill-konsumatur jew għat-twaħħil tal-istiker fuq il-flixxkun rikarikat.**

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 35

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu d-deterġenti fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għat-tikkettar diġitali. Pereżempju, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ

#### *Emenda*

(35) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu d-deterġenti fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għat-tikkettar diġitali. Pereżempju, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ

li jiżguraw aċċess liberu u faċli għat-tikketti diġitali u li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar mitluba skont dan ir-Regolament tkun separata minn informazzjoni oħra.

li jiżguraw aċċess liberu u faċli għat-tikketti diġitali, ***disponibbli f'massimu ta' żewġ għafsiet ta' buttuna jew klikks***, u li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar mitluba skont dan ir-Regolament tkun separata minn informazzjoni oħra.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 36

*Test propost mill-Kummissjoni*

(36) Minħabba l-iżvilupp attwali tal-ħiliet diġitali, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jipprovdu wkoll l-informazzjoni tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-utenti finali meta dawn ma jkunux jistgħu jaċċessaw it-tikketta diġitali. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi impost bħala miżura ta' sikurezza biex jitnaqqas kwalunkwe riskju potenzjali minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-informazzjoni tat-tikkettar, b'mod partikolari fir-rigward tad-deterġenti rikarikati, ***meta l-informazzjoni kollha tista' tiġi pprovduta f'tikketta diġitali.***

*Emenda*

(36) Minħabba l-iżvilupp attwali tal-ħiliet diġitali, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jipprovdu wkoll l-informazzjoni tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-utenti finali meta dawn ma jkunux jistgħu jaċċessaw it-tikketta diġitali. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi impost bħala miżura ta' sikurezza biex jitnaqqas kwalunkwe riskju potenzjali minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-informazzjoni tat-tikkettar, b'mod partikolari fir-rigward tad-deterġenti rikarikati.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 39a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(39a) Sabiex jiġu evitati kostijiet għall-kumpaniji u għall-pubbliku li jkunu sproporzjonati għall-benefiċċji usa', jenħtieġ li l-passaport tal-prodotti, b'mod awtomatiku, ikun speċifiku għall-mudell tal-prodott li jinkludi taħlita tal-isem tal-prodott flimkien mal-formula unika tad-deterġent. Meta jkun hemm bidliet sostanzjali fil-formula jew meta jkun hemm differenzi fil-kompożizzjoni skont***

*Emenda*

*il-lott, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun speċifiku għal-lott.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Premessa 43

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għad-deterġenti jew għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport tal-prodotti wieħed għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni.

##### *Emenda*

(43) Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għad-deterġenti jew għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport tal-prodotti wieħed għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni. ***Barra minn hekk, ir-reqwiżiti għad-disinn tekniku tal-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jenħtieġ li jkunu kompatibbli ma' kriterji tad-disinn tekniku separati previsti f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE.***

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Premessa 44

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(44) Huwa kruċjali li jiġi ċċarat kemm lill-manifatturi kif ukoll lill-utenti li billi joħloq il-passaport tal-prodotti għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv ***u, fejn ikun rilevanti, billi jwaxxhal il-markatura CE***, il-manifattur jiddikjara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun konformi mar-reqwiżiti applikabbli kollha u li l-manifattur jieħu r-responsabbiltà sħiħa tiegħu.

##### *Emenda*

(44) Huwa kruċjali li jiġi ċċarat kemm lill-manifatturi kif ukoll lill-utenti li billi joħloq il-passaport tal-prodotti għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv, il-manifattur jiddikjara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun konformi mar-reqwiżiti applikabbli kollha u li l-manifattur jieħu r-responsabbiltà sħiħa tiegħu.

## Emenda 20

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 45**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(45) Meta ċerta informazzjoni tiġi pprovduta **biss** b'mod diġitali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li din l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi pprovduta separatament u distinta b'mod ċar minn xulxin iżda permezz ta' mezz ta' data wieħed. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovdi wkoll ċarezza lill-utenti finali fir-rigward tal-biċċiet differenti ta' informazzjoni li huma disponibbli għalihom f'format diġitali.

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 62**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(62) Dan ir-Regolament jintroduċi l-possibbiltà li **r-rekwiżiti obbligatorji kollha** tat-tikkettar **jew parti minnhom jiġu pprovduti** biss **f'tikketti** diġitali **f'ċerti sitwazzjonijiet** u jirrikjedi l-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodotti għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi previst żmien suffiċjenti għall-operaturi ekonomiċi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu u għall-Kummissjoni biex tħejji l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-passaport tal-prodotti. Konsegwentement, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal data meta dawk it-tħejjijiet ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati b'mod raġonevoli.

*Emenda*

(45) Meta ċerta informazzjoni tiġi pprovduta b'mod diġitali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li din l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi pprovduta separatament u distinta b'mod ċar minn xulxin iżda permezz ta' mezz ta' data wieħed. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovdi wkoll ċarezza lill-utenti finali fir-rigward tal-biċċiet differenti ta' informazzjoni li huma disponibbli għalihom f'format diġitali.

*Emenda*

(62) Dan ir-Regolament jintroduċi l-possibbiltà li **parti mir-rekwiżiti obbligatorji** tat-tikkettar **tiġi pprovduta** biss **f'tikketta** diġitali u jirrikjedi l-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodotti għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi previst żmien suffiċjenti għall-operaturi ekonomiċi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu u għall-Kummissjoni biex tħejji l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-passaport tal-prodotti. Konsegwentement, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal data meta dawk it-tħejjijiet ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati b'mod raġonevoli.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 62a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(62a) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn it-tikkettar diġitali u l-passaport diġitali tal-prodotti, l-operaturi ekonomiċi li jipprovdu t-tikkettar diġitali jenħtieġ li jużaw biss mezz ta' data wieħed biex jaċċessaw it-tikketta diġitali u l-passaport diġitali tal-prodotti, u b'hekk jiffaċilitaw l-użu sempliċi mill-utent finali.**

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(13) “tqegħid fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas;

(13) “tqegħid fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista **ta' deterrent jew aġent tensjoattiv** għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas;

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14) “introduzzjoni fis-suq” tfisser l-ewwel tqegħid fis-suq tal-Unjoni;

(14) “introduzzjoni fis-suq” tfisser l-ewwel tqegħid **ta' deterrent jew aġent tensjoattiv** fis-suq tal-Unjoni;

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16



*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f’ismu fir-rigward ta’ kompiti speċifikati;

*Emenda*

(16) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f’ismu fir-rigward ta’ kompiti speċifikati ***fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament***;

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur jew ***id-distributtur***;

*Emenda*

(19) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, ***id-distributtur***, jew ***kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li hija soġġetta għal obbligi fir-rigward tal-manifattura ta’ prodotti, li tqegħedhom fis-suq jew tqegħedhom fis-servizz f’konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u dan ir-Regolament***;

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament;

*Emenda*

(20) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament ***u leġiżlazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u jiżguraw il-protezzjoni tal-interess pubbliku kopert b’dik il-leġiżlazzjoni***;

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020;

*Emenda*

(21) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 4, tar-Regolament (UE) 2019/1020 ***bħala responsabbli mill-organizzazzjoni u t-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru;***

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) “***markatura CE***” tfisser ***markatura li permezz tagħha l-manifattur jindika li d-deterġent huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li tipprevedi t-twaħħil tagħha;***

*Emenda*

***imħassar***

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) “***miżura*** korrettiva” tfisser miżura kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020;

*Emenda*

(25) “***azzjoni*** korrettiva” tfisser miżura kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 16, tar-Regolament (UE) 2019/1020;

## Emenda 31

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) “identifikatur uniku tal-prodott” tfisser sekwenza unika ta’ karattri **li tippermetti l-identifikazzjoni** ta’ prodott u li tippermetti link web għall-passaport tal-prodotti;

*Emenda*

(28) “identifikatur uniku tal-prodott” tfisser sekwenza unika ta’ karattri **għall-identifikazzjoni** ta’ prodott li tippermetti **wkoll** link web għall-passaport tal-prodotti;

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) “identifikatur uniku tal-operatur” tfisser sekwenza unika ta’ karattri għall-identifikazzjoni **tal-operaturi ekonomiċi** involuti fil-katina tal-valur tal-prodotti;

*Emenda*

(29) “identifikatur uniku tal-operatur” tfisser sekwenza unika ta’ karattri għall-identifikazzjoni **tal-atturi** involuti fil-katina tal-valur tal-prodotti;

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 34a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(34a) “mudell” tfisser tip speċifiku ta’ deterġent jew aġent tensjoattiv, li jinkludi kombinazzjoni tal-isem tal-prodott flimkien mal-formula unika, f’konformità mal-Identifikatur Uniku tal-Formula (UFI), skont l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, irrispettivament minn jekk ikunx meħtieġ kodiċi tal-UFI skont dak ir-regolament.**

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-manifatturi għandhom **ifasslu** d-dokumentazzjoni teknika msemija fl-Anness IV u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemija f'dak l-Anness.

*Emenda*

**Qabel ma jintroduċu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv tagħhom fis-suq**, il-manifatturi għandhom **iwettqu analiżi tar-riskju intern u jfasslu** d-dokumentazzjoni teknika msemija fl-Anness IV u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemija f'dak l-Anness.

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) **fejn rilevanti, iwaħħlu l-markatura CE f'konformità mal-Artikolu 14,**

*Emenda*

**imħassar**

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-manifatturi għandhom **iżommu** d-dokumentazzjoni teknika u l-passaport tal-prodotti għal 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni jew mill-passaport tal-prodotti jkun ġie introdott fis-suq.

*Emenda*

3. Il-manifatturi għandhom **ifasslu u jżommu aġġornati** d-dokumentazzjoni teknika u l-passaport tal-prodotti għal 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni jew mill-passaport tal-prodotti jkun ġie introdott fis-suq.

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta', jew tar-riskji ppreżentati

*Emenda*

Meta jitqies xieraq **u proporzjonat** fir-rigward tal-prestazzjoni ta', jew tar-riskji

minn, deterġent jew aġent tensjoattiv, il-manifatturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' **tali** deterġenti jew aġenti tensjoattivi, jinvestigaw, u, **jekk ikun meħtieġ, iżommu** reġistru tal-ilmenti, ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi mhux konformi u tas-sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan.

ppreżentati minn, deterġent jew aġent tensjoattiv, il-manifatturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi, jinvestigaw, u **jżommu** reġistru **intern** tal-ilmenti, ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi mhux konformi u tas-sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi **jew miżuri korrettivi oħra biex tinkiseb il-konformità tad-deterġent jew l-aġent tensjoattiv**, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan. **Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq talba. Ir-reġistru intern tal-ilmenti għandu jaħżen biss dik id-data personali li tkun meħtieġa biex il-manifattur jinvestiga l-ilment dwar deterġent jew aġent tensjoattiv li jkun allegatament perikoluż. Tali data għandha tinżamm biss sakemm tkun meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjoni u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn ħames snin wara li d-data tkun iddaħħlet.**

## Emenda 38

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-manifatturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti mressqa, u l-informazzjoni riċevuta dwar l-inċidenti, li jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti li jkunu qiegħdu fis-suq u li jkun ġie allegat li huma perikolużi mill-ilmentatur, u għandhom iżommu reġistru intern ta' dawg l-ilmenti kif ukoll tas-sejħiet lura tal-prodotti u ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda biex tinkiseb il-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv.***

## Emenda 39

## Proposta għal regolament

### Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) meta d-deterġent li għalih tkun diġà *ntalbet* skeda tad-data ma jibqax jikkorrispondi mal-informazzjoni inkluża f' dik l-iskeda tad-data.

#### *Emenda*

(b) meta d-deterġent li għalih tkun diġà *ġiet ipprovduta* skeda tad-data ma jibqax jikkorrispondi mal-informazzjoni inkluża f' dik l-iskeda tad-data.

## Emenda 40

## Proposta għal regolament

### Artikolu 7 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom *jieħdu immedjatament il-miżuri korrettivi* meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv *jinġieb konformi*, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b' mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe *miżura* korrettiva meħuda.

#### *Emenda*

7. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq, *wara li jkun daħal fis-seħħ dan ir-Regolament*, ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom, *mingħajr dewmien żejjed, jieħdu l-azzjoni korrettiva* meħtieġa biex *tinkiseb il-konformità ta'* dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura *minnufih*, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b' mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe *azzjoni* korrettiva meħuda.

## Emenda 41

## Proposta għal regolament

### Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

**7a. Il-manifatturi għandhom, fuq talba, jaqsmu l-informazzjoni rilevanti mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, inklużi d-distributuri, l-importaturi u r-rappreżentanti awtorizzati, fil-katina tal-provvista kkonċernata fil-ħin fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni ta' konformità jew riskju għas-saħħa jew għall-ambjent li jkunu identifikaw, u ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva, sejħa lura jew irtirar.**

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, **fuq karta jew f'forma elettronika**, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, **b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità**. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

8. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, **f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat**, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, **bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali ta' Stat Membru li l-awtorità toriġina minnu. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti għandhom jiġu pprovduti fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba**. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**8a.** *Il-manifatturi għandhom jagħmlu mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku, bħal numru tat-telefown, indirizz tal-posta elettronika jew sezzjoni ddedikata tas-sit web tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà, biex jippermettu lill-utenti finali jissottomettu lmenti jew tħassib dwar nuqqas ta' konformità potenzjali tal-prodotti jew kwistjonijiet ta' sigurtà.*

#### **Emenda 44**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a.** *Il-ħatra għandha tkun valida biss meta tiġi aċċettata bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat.*

#### **Emenda 45**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jista' jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni biss jekk il-manifattur jaħtar, b'mandat bil-miktub, rappreżentant awtorizzat.

2. Meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jista' jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni biss jekk il-manifattur jaħtar, b'mandat bil-miktub, rappreżentant awtorizzat, ***qabel ma jqiegħed il-prodotti tiegħu fis-suq tal-Unjoni.***

#### **Emenda 46**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *Il-manifatturi li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali dwar l-indirizz postali u l-indirizz tal-email tar-rappreżentant awtorizzat tagħhom.*

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel ***tal-anqas*** dawn li ġejjin:

Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel dawn li ġejjin:

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdli lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juri l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdli lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juri l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-wasla tat-talba u b'lingwa uffiċjali li tista' tinftiehem minn dik l-awtorità;***

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) jikkoopera mal-awtoritajiet

(d) jikkoopera mal-awtoritajiet

nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv kopert mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda ***fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità ta' deterġent jew aġent tensjoattiv jew*** biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv kopert mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat;

## Emenda 50

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt e

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) itemm il-mandat jekk il-manifattur ma jikkonformax mal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament.

##### *Emenda*

(e) itemm il-mandat jekk il-manifattur ma jikkonformax mal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament ***u mingħajr dewmien żejjed jinforma lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li l-manifattur ikun stabbilit fih;***

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(ea) iwettaq kompiti oħra jekk previsti fil-mandat bil-miktub;***

## Emenda 52

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(eb) meta r-rappreżentant awtorizzat jikkunsidra jew ikollu raġuni li jemmen li deterġent jew prodott tensjoattiv huwa perikoluż, jinforma lill-manifattur b'dan;***

## Emenda 53

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt ec (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ec) meta jinbidel ir-rappreżentant awtorizzat, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri biex jiġi żgurat trasferiment effettiv tal-mandat li jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat li jmiss iwettaq il-kompiti tal-mandat.**

## Emenda 54

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Ir-rappreżentanti awtorizzati għandu jkollhom il-mezzi xierqa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom.**

## Emenda 55

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) id-deterġent ikollu l-markatura CE msemmija fl-Artikolu 14;**

**imħassar**

## Emenda 56

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-

3. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-

Regolament, l-importatur ma għandux jintroduċi d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq qabel ma dan jinġieb konformi. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, l-importatur għandu jinforma b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Regolament, l-importatur ma għandux jintroduċi d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq qabel ma tinkiseb il-konformità tiegħu. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, l-importatur **mingħajr dewmien żejjed** għandu jinforma b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 9 - paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz postali u tal-posta elettronika li fih ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq it-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv. **Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.**

#### *Emenda*

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz postali u tal-posta elettronika li fih ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq it-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv. **Dik l-informazzjoni għandha titqiegħed fuq il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu ċari, jinftiehm u jistgħu jinqrar.**

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 9 - paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv jew tar-riskji ppreżentati minnhom, l-importaturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, jinvestigaw, u, **jekk ikun meħtieġ, iżommu** reġistru tal-ilmenti, ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi mhux

#### *Emenda*

7. Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv jew tar-riskji ppreżentati minnhom, l-importaturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, jinvestigaw, u **jżommu** reġistru **intern** tal-ilmenti, ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi mhux konformi u tas-

konformi u tas-sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributori informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan.

sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributori informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan. ***Tali reġistru għandu jittqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq talba u fi żmien 20 jum tax-xogħol minn kwalunkwe talba bħal din.***

## **Emenda 59**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***7a. L-importaturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti mressqa, u l-informazzjoni riċevuta dwar l-inċidenti, li jikkonċernaw is-sikurezza tad-deterġenti jew tal-aġenti tensjoattivi li jkunu qiegħdu fis-suq, u jippreżentaw fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 9 (7a ġdid)), dawn l-ilmenti, kif ukoll kwalunkwe miżura korrettiva oħra meħuda biex tinkiseb il-konformità tad-deterġent. L-importaturi għandhom iżommu lill-atturi ekonomiċi kkonċernati infurmati fil-ħin.***

## **Emenda 60**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7 b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***7b. Ir-reġistru tal-ilmenti għandu jaħżen biss dik id-data personali li tkun meħtieġa biex l-importatur jinvestiga l-ilment dwar deterġent jew aġent tensjoattiv li jkun allegatament perikoluż. Tali data għandha tinżamm biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet tal-investigazzjoni u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħames snin wara li d-data tkun iddaħħlet.***

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom ***jieħdu immedjatament il-miżuri korrettivi*** meħtieġa biex ***dak id-deterġent*** jew ***aġent tensjoattiv jinġieb konformi***, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe ***miżura*** korrettiva meħuda.

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 8a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom, ***mingħajr dewmien żejjed, jieħdu l-azzjoni korrettiva*** meħtieġa biex ***tinkiseb il-konformità tad-deterġent*** jew ***l-aġent*** tensjoattiv, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura ***minnufih***, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe ***azzjoni*** korrettiva meħuda.

***8a. L-importaturi għandhom, fuq talba mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, jikkondividu fil-ħin l-informazzjoni rilevanti mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, inklużi d-distributuri, u r-rappreżentanti awtorizzati, fil-katina tal-provvista kkonċernata fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni ta' konformità jew riskju għas-saħħa jew għall-ambjent li***

*jkunu identifkaw, u ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva, sejħa lura jew irtirar.*

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, **f'forma stampata jew elettronika**, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

*Emenda*

10. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, **f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat**, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. **L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti għandhom jiġu pprovduti fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba.** Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 10a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**10a. L-importaturi għandhom jivverifikaw jekk il-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(8a) humiex pubblikament disponibbli għall-konsumaturi, biex b'hekk jippermettulhom jippreżentaw ilmenti jew tħassib rigward in-nuqqas potenzjali ta' konformità tal-prodotti. Meta tali mezzi ma jkunux disponibbli, l-importaturi għandhom jipprovdulhom,**

## **Emenda 65**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) id-deterġent ikollu l-markatura CE  
msemmija fl-Artikolu 14;**

**imħassar**

## **Emenda 66**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, id-distributur ma għandux iqiegħed id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq qabel ma dan jinġieb konformi. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, id-distributur għandu jinforma **b'dan** lill-manifattur u, fejn ikun rilevanti, lir-rappreżentant awtorizzat jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

3. Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, id-distributur ma għandux iqiegħed id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq qabel ma tinkiseb il-konformità tiegħu. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, id-distributur għandu jinforma **mingħajr dewmien żejjed** lill-manifattur u, fejn ikun rilevanti, lir-rappreżentant awtorizzat jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

## **Emenda 67**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-

5. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-



suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li **jittieħdu l-miżuri korrettivi** meħtieġa biex dak id-deterġent jew **aġent** tensjoattiv **jingieħb konformi**, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta d-distributori jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qieġħdu fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qieġħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe **miżura** korrettiva meħuda.

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Id-distributori għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, **fuq karta jew f'forma elettronika**, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġenti u aġenti tensjoattivi li huma jkunu qieġħdu fis-suq.

## Emenda 69

suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li **tittieħed l-azzjoni korrettiva** meħtieġa biex **tinkiseb il-konformità ta'** dak id-deterġent jew **l-aġent** tensjoattiv, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura **immedjatament**, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta d-distributori jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qieġħdu fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qieġħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe **azzjoni** korrettiva meħuda.

#### *Emenda*

6. Id-distributori għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, **f'format elettroniku u, fuq talba, f'format stampat**, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament. **L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti għandhom jiġu pprovduti fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba**. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġenti u aġenti tensjoattivi li huma jkunu qieġħdu fis-suq.

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Importatur jew distributur** għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 7 meta dak ***l-importatur jew distributur*** jintroduċi deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt ismu jew it-trademark tiegħu jew jimmodifika deterġent jew aġent tensjoattiv li diġà jkun ġie introdott fis-suq b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata.

*Emenda*

**Operatur ekonomiku għajr manifattur** għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 7 meta dak ***l-operatur ekonomiku*** jintroduċi deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt ismu jew it-trademark tiegħu jew jimmodifika deterġent jew aġent tensjoattiv li diġà jkun ġie introdott fis-suq b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata.

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Artikolu 14**

**Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-markatura CE**

1. ***Il-markatura CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.***

2.

***Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġġibbli u li ma titħassarx qabel ma deterġent jiġi introdott fis-suq.***

***Il-markatura CE għandha titwaħħal mat-tikketta jew mal-imballaġġ ta' deterġent jew, meta d-deterġent jiġi fornut bl-ingrossa, ma' dokument li jakkumpanja d-deterġent.***

***Meta, f'konformità mal-Artikolu 16(2), l-operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu tikketta diġitali biss, il-markatura CE għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta***

*Emenda*

***imħassar***

*diġitali.*

3. *L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux xieraq ta' dik il-markatura.*

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Operatur ekonomiku li jqiegħed deterġent fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika għandu jipprovdi t-tikketta fiżika **jew il-mezz** ta' data li permezz tiegħu **t-tikketta** diġitali tkun aċċessibbli għall-utent finali.

*Emenda*

2. Operatur ekonomiku li jqiegħed deterġent fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika għandu jipprovdi t-tikketta fiżika **u l-mezz** ta' data li permezz tiegħu **l-parti** diġitali **tat-tikketta** tkun aċċessibbli għall-utent finali.

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) numru tat-tip, numru tal-lott jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom;

*Emenda*

(a) numru tat-tip, numru **tal-mudell, numru** tal-lott **fejn rilevanti**, jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur u l-indirizz postali u tal-posta elettronika li fih jistgħu jiġu kkuntattjati. L-

*Emenda*

(b) l-isem **u, fejn rilevanti, l-isem tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur**, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur u l-

indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur;

indirizz postali u tal-posta elettronika li fih jistgħu jiġu kkuntattjati. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur;

#### Emenda 74

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-istruzzjonijiet għall-użu u prekawzjonijiet speċjali, fejn ikun meħtieġ u rilevanti.

###### *Emenda*

(e) l-istruzzjonijiet għall-użu, u prekawzjonijiet speċjali **għas-saħħa u s-sikurezza**, fejn ikun meħtieġ u rilevanti.

#### Emenda 75

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq, dawn għandhom ikunu akkumpanjati mill-elementi tat-tikketta **stabbiliti fl-Artikolu 15(3) u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 15(4)** fil-forma li ġejja:

###### *Emenda*

Meta d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq, dawn għandhom ikunu akkumpanjati mill-elementi tat-tikketta fil-forma li ġejja:

#### Emenda 76

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) **fuq** tikketta fiżika;

###### *Emenda*

(a) tikketta fiżika **bl-elementi stabbiliti fl-Artikolu 15(3), il-punti (a), (b), (c) u (e) u, fejn applikabbli, l-informazzjoni dwar id-dożaġġ, kif stabbilit fl-Artikolu 15(4), kif ukoll il-kriterji previsti fl-Anness V, il-Parti A (4), dwar il-fwejjaħ allerġeniċi, fejn għandha titqiegħed twissija bl-użu tal-isem komuni tal-ingredjent, u**

## Emenda 77

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) *fuq* tikketta diġitali u *duplikati fuq tikketta fiżika*.

*Emenda*

(b) tikketta diġitali *bl-elementi kollha stabbiliti fl-Artikolu 15* u *informazzjoni rilevanti oħra, bħal modi ta' rimi sikur u l-aħjar Prattiki*.

## Emenda 78

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-informazzjoni kollha li tinsab fit-tikketta fiżika kif deskritta fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi duplikata fuq it-tikketta diġitali.*

## Emenda 79

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fil-Parti C tal-Anness V ma għandhomx għalfejn jiġu duplikati fuq it-tikketta fiżika. Barra minn hekk, meta l-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali, tista' tiġi pprovduta grilja tad-dożaġġ simplifikata kif stabbilit fil-parti D tal-Anness V fuq it-tikketta fiżika.*

*imħassar*

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***B'deroga mill-paragrafu 1, meta d-deterġenti jitqiegħdu fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika, l-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 15(3) u (4) jistgħu jiġu pprovduti f'tikketta diġitali biss, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-hwejjegħ għall-konsumatur kif stabbilit fil-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V, li jeħtieġ li tiġi pprovduta wkoll fuq tikketta fiżika.***

*Emenda*

2. Meta d-deterġenti jitqiegħdu fis-suq direttament ***għall-utent*** finali f'format ta' rikarika, ***għandu jingħata lill-utent finali fuljett jew stiker li jkun fihom l-informazzjoni tat-tikketta fiżika msemmija fl-Artikolu 16(1a).***

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-elementi kollha tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 15(3) ***u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 15(4)*** għandhom jiġu pprovduti f'post wieħed u separati minn informazzjoni oħra;

*Emenda*

(a) l-elementi kollha tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 15(3) ***f'konformità mal-Artikolu 16(1)*** għandhom jiġu pprovduti f'post wieħed u separati minn informazzjoni oħra;

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun tista' tiġi mfittxija;

*Emenda*

(b) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun tista' tiġi mfittxija ***permezz tad-diversi mezzi teknoloġiċi;***

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun aċċessibbli għall-utenti kollha fl-Unjoni;

*Emenda*

(c) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun aċċessibbli **faċilment u direttament** għall-utenti kollha fl-Unjoni;

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tiġi ppreżentata **b'mod li jindirizza l-ħtiġijiet** ta' gruppi vulnerabbli u **jappoġġa**, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni minn dawk il-gruppi;

*Emenda*

(e) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tiġi ppreżentata **f'lingwa u f'format li jindirizzaw il-ħtiġijiet** ta' gruppi vulnerabbli, **inklużi l-persuni b'diżabbiltà**, u **jappoġġaw**, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni minn dawk il-gruppi;

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) it-tikketta diġitali għandha tibqa' disponibbli għal perjodu ta' 10 snin mill-mument li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott fis-suq, anki f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha, jew għal perjodu itwal kif meħtieġ skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tkopri l-informazzjoni li jkun fiha;

*Emenda*

(h) it-tikketta diġitali għandha tibqa' disponibbli **sad-data tal-iskadenza tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, jew, jekk id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jkollux data ta' skadenza**, għal perjodu ta' 10 snin mill-mument li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott fis-suq, anki f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha, jew għal perjodu itwal kif meħtieġ skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tkopri l-informazzjoni li jkun fiha;

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt i

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun aċċessibbli permezz tal-mezz ta' data.

*Emenda*

(i) l-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali għandha tkun **faċilment** aċċessibbli permezz tal-mezz ta' data.

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom.

*Emenda*

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti, **f'forma viżibbli**, fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom, **b'mod li jippermettilu jkun ipproċessat awtomatikament minn apparati diġitali**.

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Minbarra r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq f'format ta' rikarika, il-mezz ta' data għandu jkun preżenti fuq **l-istazzjon ta' rikarika**.

*Emenda*

Minbarra r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq f'format ta' rikarika, il-mezz ta' data għandu jkun preżenti fuq **il-fuljett jew l-istiker**.

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 3



*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-mezz ta' data għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

*Emenda*

Il-mezz ta' data għandu jkun viżibbli b'mod ċar, ***leġġibbli, aċċessibbli u faċilment komprehensibbli*** għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. ***Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu tikketta diġitali, il-mezz ta' data għandu jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni “Informazzjoni aktar komprensiva dwar il-prodott hija disponibbli online”*** jew minn dikjarazzjoni simili.

*Emenda*

3. ***Fir-rigward tal-informazzjoni preżenti fuq it-tikketta diġitali, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu fuq il-mezz tad-data tagħhom id-dikjarazzjoni “Jekk jogħġbok skennja għal aktar informazzjoni”*** jew minn dikjarazzjoni simili, ***jew pittogramma.***

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-operaturi ekonomiċi ***li jipprovdu tikketta diġitali*** ma għandhomx jittiraċċaw, janalizzaw jew jużaw ***kwalunkwe*** informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li jkun assolutament meħtieġ għall-ġoti tal-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali online.

*Emenda*

4. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jittiraċċaw, janalizzaw jew jużaw informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li jkun assolutament meħtieġ għall-ġoti tal-informazzjoni fuq it-tikketta diġitali online, ***li tirriżulta mir-Regolament (KE) Nru 2016/679.***

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-operaturi ekonomiċi **li jipprovdu tikketta diġitali** għandhom jipprovdu l-informazzjoni preżenti fit-tikketta diġitali b'mezzi oħra fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

L-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni preżenti fit-tikketta diġitali b'mezzi oħra **u mingħajr ħlas** fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. Biex jiġu aċċessati t-tikketta diġitali u l-Passaport Diġitali tal-Prodotti, għandu jintuża mezz ta' data uniku.**

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) **huwa** għandu **jikkorrispondi** għal lott speċifiku tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv;

(a) **għandu jikkorrispondi għal mudell speċifiku, li għandu jiġi aġġornat meta l-UPI jinbidel, jew fejn xieraq**, għal lott speċifiku tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, **jiġifieri jsiru bidliet fil-lista tal-ingredjenti**;

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) għandu jkun fih ir-riżultati tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità,**

*imwettqa mill-manifattur;*

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) huwa għandu jkun fih tal-anqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness VI;

*Emenda*

(c) huwa għandu jkun fih tal-anqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness VI ***filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi protetta l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u s-sigrieti kummerċjali f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/943 u jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi kondiviża b'mod sigur;***

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) għandu jkun aġġornat;

*Emenda*

(d) għandu jkun aġġornat, ***preċiż u komplut;***

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) huwa għandu jkun disponibbli fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq;

*Emenda*

(e) huwa għandu jkun disponibbli fil-lingwa jew ***f'massimu ta' tliet*** lingwi meħtieġa mill-Istat Membru meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq;

## Emenda 99

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) huwa għandu jkun aċċessibbli għall-utenti finali, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-Kummissjoni **u** għal operaturi ekonomiċi oħra;

*Emenda*

(f) huwa għandu jkun **faċilment** aċċessibbli għall-utenti finali, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-Kummissjoni, għal operaturi ekonomiċi oħra **u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u t-trade unions**;

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 8.

*Emenda*

(i) huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 9.

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

*Emenda*

Il-mezz ta' data għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 9.

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Minbarra r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq f'format ta' rikarika, il-mezz ta' data għandu jkun preżenti fuq *l-istazzjon ta' rikarika*.

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-mezz ta' data għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. *Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu tikketta diġitali*, għandu jintuża mezz ta' data wieħed biex jiġu aċċessati *l-passaport tal-prodotti* u *t-tikketta* diġitali.

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 6**

*Emenda*

Minbarra r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq f'format ta' rikarika, il-mezz ta' data għandu jkun preżenti fuq *il-fuljett jew l-istiker*.

*Emenda*

Il-mezz ta' data għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod *fuq il-paġna ewlenija tal-paġna online tal-prodott*.

*Emenda*

4. Għandu jintuża mezz ta' data wieħed biex jiġu aċċessati *t-tikketta diġitali* u *l-passaport* diġitali *tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 17(5a)*.

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tapplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, għandu jinħoloq passaport tal-prodotti uniku għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jkun fih l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-passaport tal-prodotti minn dik il-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni.

*Emenda*

6. Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tapplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, għandu jinħoloq passaport tal-prodotti uniku għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jkun fih l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-passaport tal-prodotti minn dik il-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni. ***Id-disinn tekniku u t-tħaddim ta' tali passaport uniku tal-prodotti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament u għandhom ikunu kompatibbli mal-kriterji tekniċi separati tad-disinn previsti f'Regolament ieħor.***

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodott għandha tkun ibbażata fuq standards trasparenti żviluppati b'format interoperabbli u ***jenħtieġ li din*** tkun tista' tinqara mill-

*Emenda*

***8a. Il-passaport tal-prodotti għandu jkun wieħed mill-mezzi primarji għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiffaċilitaw il-verifika tal-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.***

*Emenda*

(b) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodott għandha tkun ibbażata fuq standards trasparenti, żviluppati b'format interoperabbli u ***għandha, fejn ikun xieraq,*** tkun tista'

magni, tkun strutturata u jkun jista' jsir tiftix għaliha;

tinqara mill-magni, tkun strutturata u jkun jista' jsir tiftix għaliha, **u trasferibbli permezz ta' network ta' skambju ta' data interoperabbli mingħajr lock-in teknoloġiku tal-bejgiegh**;

#### Emenda 108

##### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) il-passaporti tal-prodotti għandhom jitfasslu u jitħaddmu b'tali mod li jkun faċli biex jintużaw mill-utent;**

#### Emenda 109

##### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) l-utenti finali, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess għall-passaport tal-prodotti mingħajr ħlas;

(c) l-utenti finali, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess **faċli** għall-passaport tal-prodotti mingħajr ħlas **u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti eżistenti**;

#### Emenda 110

##### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tinħażen mill-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu;

(d) id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tinħażen **u tinżamm aġġornata** mill-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu;

#### Emenda 111

**Proposta għal regolament  
Artikolu 20 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-operaturi ekonomiċi għandhom itellgħu, fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv.

*Emenda*

1. Qabel ma jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, ***u wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(9)***, l-operaturi ekonomiċi għandhom itellgħu, fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv.

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak l-iskop.

*Emenda*

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa, ***għas-sikurezza*** jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha ***għar-riskju u*** stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak l-iskop.

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 3**



*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta, matul il-kontrolli msemija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jitolbu, mingħajr dewmien, li l-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha biex id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jinġieb konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jiġi rtirat mis-suq, jew jissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1.

*Emenda*

3. Meta, matul il-kontrolli msemija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jitolbu, mingħajr dewmien, li l-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha biex id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jinġieb konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jiġi rtirat mis-suq, jew jissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli li jkun **preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u** proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1.

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 24 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 22(1), awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li għalkemm deterġent jew aġent tensjoattiv ikun konformi ma' dan ir-Regolament, huwa jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat, meta jiġi introdott fis-suq, ma jkunx għadu jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mis-suq jew biex jordna s-sejħa tiegħu lura, f'perjodu raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.

*Emenda*

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 22(1), awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li għalkemm deterġent jew aġent tensjoattiv ikun konformi ma' dan ir-Regolament, huwa jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat, meta jiġi introdott fis-suq, ma jkunx għadu jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mis-suq jew biex jordna s-sejħa tiegħu lura, f'perjodu raġonevoli li jkun **preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u** proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) il-markatura CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 14 jew ma tkun twaħħlet xejn;**

**imħassar**

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) kwalunkwe obbligu amministrattiv ieħor previst fir-Regolament ma jiġix issodisfat.**

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 29 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u **dissważivi**. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, **dissważivi u għandhom iqisu d-daqs tal-intrapriża u l-esperjenza tagħha fis-suq**. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 34 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jiġu introdotti fis-suq qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = **30** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = jum qabel **30** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 34 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Deterġenti u aġenti tensjoattivi li jiġu introdotti fis-suq wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = jum qabel **30** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u li fil-mument tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = jum qabel **30** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jistgħu jitqiegħdu fis-suq sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament  
Anness V – Parti B – punt 1 – punt a**

*Emenda*

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jiġu introdotti fis-suq qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = **42** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = jum qabel **42** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]

*Emenda*

Deterġenti u aġenti tensjoattivi li jiġu introdotti fis-suq wara [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = jum qabel **42** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u li fil-mument tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = jum qabel **42** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jistgħu jitqiegħdu fis-suq sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-kwantitajiet rakkomandati u/jew l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ espressi f'millilitri jew grammi xierqa għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard, għall-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes u li jipprovdu għal proċessi ta' ħasliet f'ċiklu wieħed jew tnejn,

*Emenda*

(a) il-kwantitajiet rakkomandati u/jew l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ espressi f'millilitri jew grammi xierqa għal ħasla waħda b'magna tal-ħasil standard, għall-livelli ta' ebusija tal-ilma artab, medju u iebes u li jipprovdu għal proċessi ta' ħasliet f'ċiklu wieħed jew tnejn, ***jew l-istruzzjonijiet ta' dożaġġ rakkomandati, espressi f'għadd ta' unitajiet (eż. kapsuli, tappijiet), li jikkorrispondu għal tagħbija standard tal-magna tal-ħasil, b'aġġustament tad-dożaġġ standard, fejn meħtieġ, għal ebusija tal-ilma ratba, medja, u iebsa,***

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament  
Anness V – Parti B – punt 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. It-tikketta tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur għandha tindika d-dożaġġ standard espress fi grammi jew f'millilitri jew l-għadd ta' pilloli għaċ-ċiklu tal-ħasil ewlieni għal oġġetti ta' fuq il-mejda maħmuġa b'mod normali f'magna tal-ħasil tal-platti b'tagħbija sħiħa ta' 12-il post, u taġġusta d-dożaġġ standard, fejn ikun rilevanti, għall-ebusija tal-ilma artab, medju u iebes.

*Emenda*

3. It-tikketta tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur għandha tindika d-dożaġġ standard espress fi grammi jew f'millilitri jew l-għadd ta' ***unitajiet, jiġifieri*** pilloli ***jew kapsuli***, għaċ-ċiklu tal-ħasil ewlieni għal oġġetti ta' fuq il-mejda maħmuġa b'mod normali f'magna tal-ħasil tal-platti b'tagħbija sħiħa ta' 12-il post, u taġġusta d-dożaġġ standard, fejn ikun rilevanti, għall-ebusija tal-ilma artab, medju u iebes.

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament  
Anness VI – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(fa) il-valutazzjoni tal-konformità mwettqa mill-manifattur.***

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
A.I.S.E. - Association Internationale de la Savonnerie, de la Détergence et des Produits d'Entretien
EurEau - European Federation of National Associations of Water Services
CESIO – European Committee of Organic Surfactants and their Intermediates
EuroCommerce
American Chamber of Commerce to the European Union
Cefic- European Chemical Industry Council
Independent Retail Europe (formerly UGAL - Union of Groups of Independent Retailers of Europe)
Association of Manufacturers and Formulators of Enzyme Products – AMFEP
AISDPCL - Associação dos Industriais de Sabões, Detergentes e Produtos de Conservação e Limpeza (A.I.S.E. associate)
Energizer

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Deterġenti u aġenti tensjoattivi, emenda tar-Regolament (UE) 2019/1020 u tħassir tar-Regolament (KE) Nru 648/2004	
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0217 – C9-0154/2023 – 2023/0124(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 1.6.2023	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 1.6.2023	
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	5.10.2023	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Maria da Graça Carvalho 5.9.2023	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	13.11.2023	4.12.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2024	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40	–: 1
	0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Laura Ballarín Cereza, Alessandra Basso, Brando Benifei, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoș, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Eugen Jurzyca, Włodzimierz Karpiński, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Miroslav Radačovský, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria da Graça Carvalho, Salvatore De Meo, Carlo Fidanza, Ivars Ijabs, Stelios Kouloglou	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJON**

40	+
ECR	Carlo Fidanza, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek
ID	Alessandra Basso
NI	Miroslav Radačovský
PPE	Pablo Arias Echeverría, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Salvatore De Meo, Włodzimierz Karpiński, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Ivars Ijabs, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Alex Agius Saliba, Laura Ballarín Cereza, Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose
The Left	Kateřina Konečná, Stelios Kouloglou
Verts/ALE	Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak

1	-
ID	Markus Buchheit

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni